MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 430/2003

**Avviz Nru 430/2003 – DM**

Giljan Agius u martu Carmen Agius u Umberto Montalto u martu Maria Concetta Montalto

Vs

L-Avukat Dottor Bonnici Keith u John F Limited

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex (a) jirrifondu lill-atturi s-somma ta' Lm3,600 (tlett elef u sitt mitt liri Maltin) liema somma thalset mill-atturi bhala depositu u nzammet mill-konvenut l-Avukat Dr Keith Bonnici u dana skond konvenju bejn l-atturi l-kompraturi u s-socjeta venditrici, s-socjeta konvenuta tal-14 ta' Jannar 2002 kif sussegwentment imgedded u mmodifikat u dan stante li l-kuntratt finali ma

setghax u ma jistghax isir minhabba s-socjeta venditrici ma tistghax tersaq ghal kuntratt finali minhabba li ma tistghax titrejdja ossia tinnegozja stante li m'ghandix il-comliance certificate minghand il-Malta Financial Services Authority.u
(b) ghaliex m'ghandhomx il-konvenuti jew min minnhom ikunu kkundannati jhalsu lill-atturi l-ispejjez kollha inkorsi mill-atturi u relatati mall-istess konvenju u dana stante li l-konvenuti jew min minnhom kienu jafu li s-socjeta venditrici ma setghatx tidhol f'obbligazzjoni bhal dik tal-konvenju in ezami minhabba li qatt ma ottemprat ruhha mal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali ta' Lulju 2002 u Lulju 2003 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax legali mid-dat tal-konvenju cioe mill-14 ta' Jannar 2002 id-data tal-konvenju kontra il-konvenuti li gee ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-atturi Giljan Agius u lil Umberto Montalto bil-gurament u rat id-dokumenti esibiti ssib li t-talbiet taghhom huma ampjament gustifikati u jimmeritaw konferma

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talbiet attrici u tordna lil Avukat Dr Keith Bonnici u l-konvenuti John F Limited in solidum bejnithom sabiex jirrifondu lill-atturi s-somma ta' Lm3,600 (tlett elef u sitt mitt liri Maltin) liema somma thalset mill-atturi bhala depositu skond kif indikat fl-avviz; u

B'hekk billi jirrizulta biss li r-responsabbilta' ghan-nuqqas ta' trasferiment tal-fond in kwistjoni hija esklussivament tal-kumpanija John F Limited u mhux tal-konvenut l-Avukat Dr Keith Bonnici qedgha tilqa t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti John F Limited sabiex ihallsu linja ta' danni lill-atturi s-somma ta' Lm95 (hamsa u disghin lira Maltin) kif jirrizulta mill-provi bl-imghaxijiet legali b'effett mill-14 ta' Jannar tas-sena 2002; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------